MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 318/2014

**Fl-atti tal-Mandat tas-Sekwestru Nru 548/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Alexander Azzopardi K.I.180964M**

**vs**

**Natalie Long K.I.536371M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Natalie Long K.I. 536371M pprezentat fil-15 ta' April 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: 1) Tordna u thassar *in toto*, il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 548/14 fl-ismijiet "*Alexander Azzopardi ID.180964(M) v Natalie Long Long ID 536371(M) " ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; 2) alternattivament tirriduci l-ammont fl-istess mandat sabiex jirrilfletti dak dovut mis-sena 2011, sas-sena 2013.

Ir-rikorrenti ppremettiet li l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom li damet diversi snin; tul liema r-rikorrent kien sellef lill-esponenti s-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000) sabiex hija wettqet xoghlijiet u anke xtrat xi ghamara fil-fond appartenenti lilha;

Illi ghal dan il-ghan, nhar is-17 ta' Awwissu 2011, il-partijiet iffirmaw kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Dr. Dorita Galea Medati **(Dok A);**

Illi skont l-istess kuntratt, ir-rikorrenti kellha thallas lura l-imsemmija somma f'pagamenti ta' mhux inqas minn mitt ewro (€100) fix-xahar u ghaldaqstant, l-esponenti inghatat tnax-il sena biex thallas l-istess debitu; gie stabbilit wkoll li f'kaz ta' premorjenza tal-esponenti dan id-debitu ma jghaddiex fuq 'l ulied;

Illi tul l-perijodu li l-partijiet kienu flimkien u jikkoabitaw fid-dar tal-esponenti, kien hemm akkordju bejniethom li l-esponenti ma thallasx dawn l-ammonti fix-xahar, u l-ammont intalab u l-esponenti bdiet thallas,

biss meta r-relazzjoni intemmet u l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien; dan ser jirrizulta minn xhieda u provi li ser tressaq l-esponenti;

Illi l-ezekutant accetta l-pagamenti fix-xahar li l-esponenti ghamlet skont dokument anness **Dok B** ghas-snin 2013 sal-2014, izda proprju f'dawn il-jiem, bl-aktar mod abbuziv u minghajr ebda preavviz, intavola mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti ghal bilanc kollu tal-kuntratt u dan l-ghaliex allegatament, *"hija tinsab moruza f'diversi pagamenti, [omissis] u per tant iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu moghti lilha"*;

Illi r-rikorrenti tikkontesta l-fatt li hija debitrici tal-ammont kollu skont il-kuntratt ghaliex, skont hija ma tilfitx il-beneficcju taz-zmien moghti u dan anke fid-dawl li l-kuntratt

hu sieket dwar dan; il-perijodu li ma thallasx mis-sena 2011 sas-sena 2013 kien bi ftehim bejn l-partijiet u bl-accettazzjoni tar-rikorrent fi kwalunkwe kaz, l-esponenti disposta li thallas ghas-snin 2011 sa 2013 sabiex tittransigi, izda mhux ghall-ammont bilancjali kollu;

Ir-rikorrenti ippremettiet ukoll li skont l-artikolu **1072 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, *"Dak li ma ikollux jinghata hlief fi zmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-gheluq ta' dak iz-zmien…"; in oltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, **l-artikolu 1073** tal-Kodici Civili, jtenni li *"Iz-zmien jitqies dejjem li gie miftiehem favur id-debitur, jekk mill-ftehim iew mic-cirkostanzi ma jkunx jidher li ikun gie miftiehem ukoll favur il-kreditur";*

Rat id-digriet tat-17 ta’ April 2014 fejn il-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta’ Mejju 2014, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ Alex Azzopardi datata 30 ta’ April 2014 fejn oppona ghat-talbiet tar-rikorrenti. Hu sostna li l-ftehim bejn il-kontendenti huwa dak redatt fil-kuntratt **DOK A** u jirrizulta li d-debitrici kienet moruza u kif ukoll manifestament inadempjenti fit-termini tal-istess kuntratt. *Inoltre* l-kostituzzjoni ta' debitu suriferita giet reza ezekuttiva billi kif titlob il-ligi saret l-interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali debitament notifkata lis-sekwestrata li min-naha taghha bl-ebda mod ma ikkontestat l-istess anzi injorata kompletament u baqghet inadempjenti. Huwa jghid li t-titlu ezekuttiv sar ghall-ammont bilancjali dovut fl-intier tieghu.

Inoltre wiegeb li t-titolu ezekuttiv ottenut mill-esponent huwa wiehed ghall-ammont bilancjali intier u ghalhekk tali titolu ezkuttiv ma jistax jigi spezzettat kif donnha qed tippretendi r-rikorrenti.

Fl-ahhar ir-rikorrent irribatta li l-kuntratt suriferit in effetti ma jaghtix zmien stabbilit li fih ghandu jsir il-hlas izda jghid biss li l-pagamenti ta' somma mislufa jistghu [jew ghandhom] jithallsu f’ pagamenti li ma ghandhom qatt ikunu inqas minn €100 fix-xahar. Issegwi ghalhekk li galadarba ma hemmx zmien preciz u determinat u in addizzjoni mal-fatt illi jirrizulta manifestament illi s-sekwestrata ma osservatx dan l-obbligu minnha assunt, irrid isegwi neccessarjament li allura l-esponent ikun intitolat jirreklama dak kollu lilu dovut fil-mument tal-inadempjenza kuntrattawali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-6 ta’ Mejju 2014 fejn dehru l-partijiet assistiti, ir-rikorrenti mill-Avukat Dottor Sharon Mizzi u l-intimat mill-Avukat Dottor Roberto Montalto.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-6 ta’ Mejju 2014.

Rat ir-rikors ta’ Alexander Azzopardi tat-13 ta’ Mejju 2014, u d-digriet tal-Qorti ta’ l-istess data fejn ordnat l-isfilz tan-nota pprezentata minn Natalie Long fid-9 ta’ Mejju 2014.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li dan ir-rikors jirrigwarda talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 548/14 LSO, jew ir-riduzzjoni tal-ammont ezekutat, *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`, minnhabba raguni valida skont il-Ligi.

Ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka u thassir tal-mandat imsemmi jew ir-riduzzjoni fl-ammont ezekutat. Il-Mandat imsemmi inhareg fl-10 ta' April

2014 ghall-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) rapprezentanti "*bilanc dovut bhala kostituzzjoni ta' debitu b'att pubbliku datat is-17 ta' Awissu 2011 li gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali b'numru ___/14, li kopja taghha hi annessa, stante morozita fil-pagament."*

Skont il-kuntratt **DOK A,** id-debitrici iddikjarat ruhha veru, cert u likwidu debitrici versu u favur il-kreditur, Alexander Azzopardi minnhabba self *brevi manu* fl-ammont ta' €12,000, pagabbli f'pagamenti ta' "*mhux inqas minn €100 fix-xahar."* Kontrarjament ghal dak iddikjarat mir-rikorrenti, dan il-kuntratt ma jghidx li l-obbligu tad-debitrici tibda wara li tispicca l-koabitazzjoni .

Ir-rikorrenti esebiet prospett tal-pagamenti li ghamlet sallum, l-ewwel pagament ta' €100 sar fid-9 ta' Mejju 2013 u sussegwentement hallset il-pagamenti mensili kull xahar, ghajr ghax-xhur ta' Mejju 2013 u Frar 2014. B'kollox hallset €1,100 biex b'hekk fadal bilanc ta' €10,900. Hemm diskrepanza ta' €100 bejn dan l-ammont u l-ammont reklamat bhala *sorte* fil-mandat. Ir-rikorrenti ma kkontestatx l-imghaxijiet u spejjez mitluba fil-mandat.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, ghar-raguni skont fil-ligi.

Kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana"*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005) "*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma*[1]*. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

Madanakollu din il-Qorti tqies li jekk il-fonti tad-dritt ezekuttiv tal-kreditur hu monk fis-sens li ma jissoddisfax il-kweziti imposti bl-artikolu **253 tal-Kap.12** sabiex titlu jitqies li hu ezekuttiv, il-mandat m'ghandux jinzamm fis-sehh.

Ikkonsidrat li l-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-kontestazzjoni dwar il-beneficcju tat-terminu li l-kreditur isostni li ntilef meta d-debitrici baqghet moruza fil-pagamenti.

Ikkonsidrat li l-ftehim **DOK A** ma jistabilixxix zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni u huwa wkoll sieket dwar it-telf tal-beneficcju tat-terminu f'kaz li d-debitrici tkun moruza fil-hlasijiet mensili.

Ikkonsidrat ukoll li s-sitwazzjoni giet trattata fil-kawza fl-ismijiet "**G. D' Emanuele vs C. Zahra**" deciza fl-10 ta' Marzu 1953 (XXXVII.iii.841) fejn il-Qorti sostniet illi kemm il-darba it-telf tal-benificcju tat-terminu ma jkunx

[1] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju)

gie espressament stipulat fl-istess ftehim, allura sabiex dan isehh trid issir talba giudizzjarja "***ad hoc***" li tali beneficcju huwa terminat, liema dikjarazzjoni tista' tinghata mill-Qorti, jekk jikkonkorru d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 1079 tal-Kap 16**. Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Sac. Camilleri vs Dr. Fenech et**" (28.10.1895 - XV.258).

Illi din hija konkluzzjoni logika ghal dak li jipprovdi l-**Artikolu 1072 tal-Kap 16,** li jiddisponi "***inter alia***" illi "*Dak li ma jkollux jinghata hlief fi zmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-gheluq ta' dak iz-zmien*" u ukoll tal-**Artikolu 1079 tal-Kap 16** fejn jindika c-cirkostanzi fejn "*id-debitur ma jkunx jista' jitlob izjed il-benificcju taz-zmien*".

Ikkonsidrat li skont l-artikolu **253 (b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** huma titolu ezekuttivi kuntratti ricevuti min-nutar pubbliku ta' Malta "*meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u dovut."*

Illi certament fl-assenza ta' determinazzjoni gudizzjarja li d-debitrici tilfet il-beneficcju tat-terminu, ma jistax jinghad li d-debitu intier huwa dovut u t-titolu, li huwa l-fonti tad-dritt vantat mill-kreditur ma jistax jitqies li sar titlu ezekuttiv f'dak li jirrigwarda l-kreditu fl-intier tieghu.

Madanakollu ma hemm l-ebda dubbju li r-rikorrenti hija moruza fil-hlas tal-bilanc dovut mill-ammonti mensili dekorribbli mis-17 ta' Awissu 2011 (l-ewwel pagament fis-17 ta' Settembru 2011) sad-data tal-prezentata tar-rikors (15 ta' April 2014) - b'kollox 32 pagamenti ta' €100-il wiehed ammontanti ghat-total ta' €3,200. Minn dan id-debitrici hallset €1,100 u l-bilanc dovut hu ta' €2,100. Ghalhekk almenu f'dak li jirrigwarda dan il-bilanc, id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u *ergo* ezegwibbli.

Ghalhekk ser tghaddi biex tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna riduzzjoni tal-ammont tal-mandat sabiex dan jirrifletti l-bilanc dovut ta' €2,100.

## IV. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li gej:-

1. **Tichad** l-ewwel talba ghat-thassir *in tot*o tal-mandat ta' sekwestru 548/18 fl-ismijiet "*Alexander Azzopardi v Natalie Long";*

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna r-riduzzjoni tal-ammont fl-istess mandat ghas-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2100) li jirrifletti l-bilanc dovut mid-debitrici mis-17 ta' Settembru 2011 sas-17 ta' April 2014 iz-zewg dati nkluzi (tnejn u tletin (32) xahar).

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrenti.**

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------